MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 223/2013

**Appell Nru.  223/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Stella Attard)**
**Vs**
**Ronald Gatt**

**Illum 19 ta' Frar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 411078 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. bhala sid ta' vettura numru CAO-917 tal-marka "Subaru" naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta;
2. kif ukoll fl-istess data, hin u lok, ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mil-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur

partikolari, u cioe` uza pjanci tan-numri tar-registrazzjoni ohra bin-numru BBM-761 li jappartjenu lil vettura tal-marka “PIAGGIO” u li kienu fuq il-vettura tal-marka “Subaru” registrata bin-numru CAO-917.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Mejju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 14(3), 44(5) LS 368.02, u wara li rat illi filwaqt li l-ewwel akkuza hija preskritta, l-akkuzat ammetta t-tieni akkuza tieghu fil-provi prodotti, lliberat lill-appellant mill-ewwel akkuza, sabitu hati tat-tieni akkuza u mmultatu multa ta’ elf u mitejn Ewro (€1,200).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Mejju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberatu fuq l-ewwel akkuza u sabitu hati fuq it-tieni akkuza, timponi multa anqas gravuza fir-rigward tat-tieni akkuza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi a rigward it-tieni akkuza, ir-regolament 44 (5) jistipula ”Kull persuna li taghmel uzu minn marka ta’ registrazzjoni xort’ohra minn dik moghtija mill-Awtolità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun hatja ta’ reat.”. Imbaghad a rigward il-piena applikabbli, ir-regolament 44 (6) jistipula s-segwenti: “Persuna li tinsab hatja ta’ reat taht is-subregolamenti (1),(2), (3), (4) u (5) tista’ tehel, meta tinstab hatja, multa ta’ mhux izjed minn elf u mitejn euro (€1,200), jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u prigunerija flimkien, sakemm ma tkunx tapplika penali oghla taht xi ligi ohra, f’liema kaz il-Qorti ghandha tapplika dik il-penali ohra jew din il-penali mizjuda bi grad jew b’zewg gradi, skont liema wahda hi l-oghla.

Illi minkejja illi l-ewwel Qorti ma applikatx piena karcerarja, madankollu imponiet il-massimu tal-piena, minflok ma uzat id-diskrezzjoni taghha illi timponi piena inqas gravuza. L-appellanti ha l-impressjoni illi l-Ewwel Qorti hasbet illi l-piena pekunjarja kienet ta' €1,200 minghajr ma keliha diskrezzjoni li timponi multa inqas gravuza. Fil-fatt il-Qorti setghet timponi multa minn minimu ta' €1 sa massimu ta' €1,200. L-esponenti jissottometti li din il-piena kienet esagerata u dan ghas-segwenti raguni.

L-appellant jissottometti illi r-regolament 44 (7) (e), regolament li jixbah lil regolament 44 (5) jistipula s-segwenti: sewqan ta' vettura bil-mutur bi pjanci ta' registrazzjoni li jkunu jew mibdula, imhassra, sfigurati jew li jkun gie mizjud xi haga fihom.. . il-piena f'dan il-kaz hija ta' bejn €25 u €60.

L-esponenti jissottometti illi r-reat tieghu minkejja li deplorevoli, ma kellux jattira multa daqstant esagerata, meta mbaghad min ibiddel, ihassar jew jisfigura (alters, defaces, mutilates) l-pjanci jista' jehel biss sa massimu ta' €60. Jezisti wkoll dubju jekk dak li wettaq l-appellant kienx jinkwadra ruhu f' regolament 44(5) jew 44(7)(e). L-ewwel Qorti setghet fid-diskrezzjoni taghha ragjonevolment timmultah €60 izda ghazlet li timmultah il-massimu ta' €1,200.

L-esponenti jissottometti illi huwa minnu illi l-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi meta mmultatu hekk, madankollu f'kull cirkostanza u meta l-Qorti jkollha diskrezzjoni fl-ghoti tal-piena, il-piena ghandha tigi kalibrata max-xorta tar-reat. B'analogija, allahares il-Qrati taghna kellhom jimponu ghal first time offender, pieni ta' ghomor il-habs ghal mm jinqabad b'pussess ta' droga ghall-uzu personali. Minkejja li l-Qorti tkun qieghda tezercita d-diskrezzjoni taghha fil-parametri tal-ligi, tkun gennata li kieku dan kellu jsehh.

In oltre, jidher li meta imponiet il-piena, il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija u dan kif jirrizulta mill-affidavits, lanqas li ammetta ma' l-ewwel okkazjoni.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fid-29 ta’ Ottubru, 2011 ghal habta ta’ l-10:00 ta’ filghaxija waqt li PS 337 u PC 831 kienu qeghdin jaghmlu ronda fi Triq San Mikiel l-Isla, nnutaw vettura tat-tip Subaru li kienet ipparkjata u meta spezzjonaw il-licenzja nnutaw li kien hemm differenza bejn in-numru tal-pjanci u n-numru tal-licenzja fuq il-windscreen. Il-pulizija avzaw lill-appellant illi kienu se jresquh il-Qorti u gie sussegwentement akkuzat illi naqas illi jara illi l-vettura jkollha il-licenzja ta’ cirkolazzjoni mhallsa u in oltre illi fl-istess jum biddel il-pjanci tar-registrazzjoni ma dik ta’ vettura ohra.

B’Sentenza tas-7 ta’ Mejju, 2013 il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellant mill-ewwel akkuza peress illi dina kienet preskritta u fuq ammissjoni tieghu, sabitu hati tat-tieni mputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta’ €1,200. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell peress illi deherlu illi l-multa nflitta ghad illi kienet fil-parametri tal-Ligi, kienet gholja wisq fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat.

L-appellant argument illi kellu jkollu hafna attenwanti favur tieghu, l-ewwel nett ghaliex huwa kkoopera mal-pulizija u ammetta mall-ewwel okkazjoni illi kellu quddiem il-Qorti. Di piu, ghamel paragun ma Regolamenti ohra tal-Ligi li jirregolaw it-traffiku, fis-sens illi meta l-pjanca tigi dannegjata jew inkella xi nunru jigi mibdul, hemm multa biss ta’ bejn €25 u €60, mentri f’dan il-kaz ta’ bdil ta’ pjanci tar-registrazzjoni l-multa tvarja bejn €100 sa €1,200 u ghalhekk ma kellux jigi kkundannat il-massimu tal-piena.

Il-Qorti ma jidhriliex illi ghandha taccetta dan l-argument, veru illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti qieghda fil-massimu taghha, pero’ dejjem qieghda fil-paramentri tal-Ligi u kienet fid-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti li tiddeciedi b’dan il-mod.

Dejjem gie ritenut illi l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwardja l-piena jekk din tkun fil-paramentri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun inqas minn dik inflitta. F'dan il-kaz, din il-Qorti tirrileva illi l-bdil ta' numri tal-pjanci ta' vetturi huwa reat serju hafna, ta' min jinnota illi l-karozzi kollha nvoluti f'serq, holdups jew inkella xi reat iehor jew ikunu misruqin jew inkella jkollhom in-numru tal-pjanci mibdulin. Dana huwa r-riskju illi s-socjeta tinfacca kullmeta jkun hemm xi hadd illi jbiddel in-numri tal-pjanci ta' vettura ma dik ta' vettura ohra, liema riskju s-socjeta civili m'ghandix tkun esposta ghaliha u taghmel sew il-Qorti meta tkun severa ma min jaghmel dan it-tip ta' reat. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx illi f'dan il-kaz ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------